# Meta *tal-Frawla* fetaħ il-bieb tas-safar fl-1883

Is-Sur Evarist Bartolo

Kellhom jgħaddu 400 sena biex in-nies jerġgħu jibdew jersqu lejn l-inħawi tal-Mellieħa u jissugraw jgħixu hawn. Insibu lill-Mellieħa msemmija bħala parroċċa f'dokument tal-1436. Imbagħad spiċċat għax in-nies telqu minn dawn l-inħawi sakemm il-Mellieħa reġgħet bdiet tiġbed in-nies għax għadda l-periklu tal-invażjonijiet tal-pirati u r-raħal sar parroċċa fis-sena 1844. Għal sekli twal ftit kienu dawk li kienu jgħixu fl-inħawi tal-Mellieħa minħabba l-biża' kontinwa li jinżlu l-pirati u jisirqu kulma jsibu u lil kull min isibu. Id-diversi bajjiet li jdawru l-Mellieħa kienu jagħmluha faċli għall-pirati li jinżlu l-art u jilħqu din in-naħa tal-gżira ta' Malta.

Għalhekk kien biss madwar 170 sena ilu li bdew jiżdiedu dawk li bdew joqogħdu l-Mellieħa u fl-inħawi ta' madwar. Il-Gvern Imperjali Britaniku li kien jaħkimna ddeċieda li biex iħajjar lin-nies jiġu jgħixu fin-naħa ta' fuq ta' Malta jibda jqassam ħafna art lill-bdiewa b'ċens baxx għal żmien twil bil-kundizzjoni li jħaddmuha u jżommuha għall-biedja. Għamel ukoll xi toroq biex jintlaħqu dawn l-għelieqi. Hekk reġgħet twieldet il-Mellieħa bħala raħal.

Imma l-popolazzjoni Melleħija baqgħet żgħira għall-ħafna snin. Biżżejjed niftakru li fl-1871 meta fetħet skola fil-Mellieħa għall-ewwel darba kien fiha 57 biss, kollha subien, u għamluhom kollha fi klassi waħda. Anki matul l-aħħar 150 sena għal snin twal il-Mellieħa xorta baqgħet maqtugħa ħafna mill-iżviluppi li kienu qed iseħħu fil-bqija tal-pajjiż. Damu ma waslu t-toroq li jgħaqqdu lill-Mellieħa mal-bqija tal-pajjiż. Damu wkoll ma waslu l-mezzi tat-trasport biex jgħinu lin-nies jiċċaqalqu minnaħa għall-oħra tal-pajjiż. Damu wkoll ma waslu l-elettriċità, l-ilma u s-sistema tad-drenaġġ.

Meta l-gvern daħħal id-dawl fit-toroq bil-gass fl-1857, kienu biss l-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir li gawdew minn dan il-pass. Il-bqija tal-pajjiż, fosthom il-Mellieħa baqgħu fid-dlam, b'xi fanal taż-żejt ipetpet f'kantuniera tat-triq. Ir-raħal tagħna baqa' bl-istess fanali taż-żejt fit-toroq meta fl-1896 tħaddmet l-ewwel power station.

Il-kalessi ta' erba' passiġġieri (li daħal f'Malta fl-1831), l-omnibus (karrozza ta' 16-il passiġġier miġbuda minn żiemel u li daħlet fl-1856) ma waslux il-Mellieħa. L-eqreb li kienu jaslu kienet Ħal Lija. Meta fl-1880 bdiet il-ferrovija, kienet mill-Belt sal-Imdina. Il-Mellieħa kienet 'il bogħod wisq u fuq għolja. Anki t-tram li daħal fl-1931 kien jasal mill-Belt sa Birkirkara.

Fi tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20, il-Melleħin morda li riedu jittieħdu l-isptar, kienu jġorruhom fuq kattallett fuq spallejhom sal-bajja tax-Xemxija mnejn setgħu jinġarru fuq karozzin minn xi żiemel.

In-nuqqas ta' mezzi ta' trasport bejn il-Mellieħa u l-bqija tal-pajjiż kien iwassal biex dawk li ġew joqogħdu hawn ftit kienu joħorġu lejn irħula u bliet oħra u l-opportunitajiet tagħhom għax-xogħol, il-kura u l-edukazzjoni kienu ferm inqas milli kellhom dawk li kienu jgħixu madwar il-Port il-Kbir. L-iżvantaġġ kbir li kellhom in-nies ta' dawk l-inħawi kien li meta kien hawn il-pesta jew il-kolera fil-pajjiż, kienu jintlaqtu ħafna iżjed u kienu jmutu bl-eluf għax kienu jgħixu fuq xulxin qalb il-ħmieġ u l-miżerja.

Ħafna minn dawk li kienu jgħixu l-Mellieħa kellhom ħajjithom marbuta max-xogħol fl-għelieqi u mas-sajd. Għalhekk meta l-popolazzjoni tal-Mellieħa bdiet tikber u ma kienx hemm biżżejjed xogħol fir-raba u fis-sajd, il-Melleħin ukoll bdew jemigraw lejn pajjiżi oħra kif kienu jagħmlu eluf kbar ta' Maltin oħra meta fuq il-pajjiż kien jaqa' faqar kbir għax l-Imperu Britaniku kien inaqqas in-nefqa tiegħu fuq Malta għax la ma tkunx għaddejja xi gwerra ma kienx ikollu bżonn juża lil Malta u lill-Maltin.

Mark Caruana li jgħix Sydney u jagħmel ħafna riċerka siewja dwar l-emigrazzjoni mill-gżejjer tagħna tul is-snin bagħtli lista twila ta' Melleħin li siefru għall-Awstralja bejn is-snin 1887 u 1940. Hawnhekk se nitkellem l-iżjed dwar l-emigrazzjoni tal-Melleħin sas-sena 1915.

Huwa ġabar din il-lista mill-ħruġ ta' passaporti minn Malta għall-Awstralja li jinsabu fl-Arkivju Nazzjonali tas-Santu Spirtu fir-Rabat ta' Malta. Il-lista li bagħtli hija tal-persuni li niżżlu lill-Mellieħa

bħala l-post fejn twieldu. Mark Caruana qara l-artiklu tiegħi f'dan il-magażin tas-sena l-oħra u waqt li qabel miegħi li l-Mellieħin Joe Vella u Paul Abela marru l-Awstralja fis-sena 1913, ġibidli l-attenzjoni li s-sena ta' qabel kienu telqu lejn l-Awstralja seba' Mellieħin. Is-seba' li applikaw għall-passaport fis-sena 1912 kienu Giovanni Borg, Giuseppe Borg, Giuseppe Caruana, Vittorio Caruana, Francesco Cauchi, Alfredo Sammut, Paolo Vella u Salvatore Vella. L-iżgħar wieħed minnhom kien Cauchi ta' 18-il sena waqt li l-ixjeħ kien Giovanni Borg ta' 45 sena. Kollha kienu twieldu bejn l-1867 u l-1894.

Mark Caruana qalli wkoll li fis-sena 1883 fl-ewwel grupp organizzat ta' Maltin li marru Queensland biex jaħdmu fl-għelieqi tal-kannamieli (il-pjanta tal-qasab li minnu jsir iz-zokkor), żgur kien hemm Mellieħi u forsi iktar minn wieħed. Ma nafux sew għax il-lista oriġinali ta' min mar hija nieqsa mill-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat. Il-Mellieħi li mar l-Awstralja fl-1883 kien jismu Paolo Attard u fil-lista hemm imniżżel li l-laqam tiegħu huwa « Tal-Frawla ». Huwa baħħar ma' 61 emigranti Maltin oħra lejn Brisbane fuq il-vapur SS NUDDEA nhar it-3 ta' Ottubru 1883.

Interessanti li fuq dan il-vapur kienu baħħru wkoll disa' Maltin bil-moħbi, fosthom ċertu Giuseppe Bezzina minn Ħal Tarxien imma mlaqqam « il-Mellieħi ». Il-familja tiegħu kienet marret tilmenta mal-ġurnal 'Malta' li ma waslulhiex iżjed flus mingħand Giuseppe minn wara t-3 ta' April 1883.

Il-lista li għaddieli Mark Caruana fiha 96 persuna mwielda l-Mellieħa u li applikat għall-passaport bejn is-sena 1900 u 1915. Huma kollha rġiel. 31 minnhom jgħidu li jafu għallinqas jiffirmaw isimhom. 85 jgħidu li ma jafux jiktbu u jaqraw u lanqas jiffirmaw isimhom. L-iżgħar wieħed minnhom huwa Bernardo Cini li kellu biss 14-il sena u ommu armla, jisimha Rosa, tagħtu l-permess biex imur it-Tunesija. Kienu joqogħdu fi Strada Quarta (sinjal ċar li r-raħal kien għadu fil-bidu tiegħu meta t-toroq flok isem kien għadhom bl-isem Taljan bin-numru meta nbnew). L-akbar wieħed fl-età kien ta' 42 sena. Kien jismu Carmelo Vella, joqgħod Strada Snajjin u mar San Francisco fl-istati Uniti ħdejn qrabatu li wegħduh ix-xogħol.

Minn dawn is-96, kien hemm 60 li marru l-Awstralja. 12 marru l-Kanada, sebgħa l-Alġerija u sebgħa oħra t-Tunesija, sitta l-Istati Uniti, tlieta l-Italja u wieħed l-Eġittu. Kollha marru waħedhom u għal rashom. Wieħed biss, Michele Galea li mar bil-familja kollha, ma' martu Anna u t-tliet uliedhom. Marru Tunis.

Minn tagħrif li ġabar Mark Caruana fuq il-vjaġġi tal-emigranti lejn l-Awstralja, anki b'intervisti magħhom stess, naraw li kienu jbatu ħafna qabel imorru, waqt il-vjaġġ u anki meta jaslu hemm. Kienu jivvjaġġaw bħala passiġġieri tat-tielet klassi għax flus ftit li xejn kellhom jew anki fuq il-gverta mal-merkanzija. Fosthom kien hemm min kellu jissellef biex iħallas il-passaġġ: 25 lira li dak iż-żmien kienu ħafna flus għax il-pagi kienu baxxi ħafna. Riedu jaħdmu tliet snin biex jaqilgħu 25 lira paga.

Għajnuna kien hemm ftit u għal dawk biss li kienu jafu xi ftit skola. Barra l-passaġġ kellhom iħallsu 10 liri lill-gvernijiet Awstraljani u Amerikani biex ikunu jistgħu jiżbarkaw. Sa qabel is-snin 30 il-vapuri lejn l-Awstralja ma kinux jieqfu Malta.

Gruppi ta' 20-25 emigranti kienu jitilqu lejn Sirakuża, imbagħad jaqbdu t-tren lejn Napli jew għal Marsilja fi Franza mnejn kienu jaqbdu l-vapur il-kbir li jeħodhom lejn l-Awstralja. Ma kienu jġorru xejn magħhom ħlief xi xkora fuq spallithom u libsa tal-Ħadd. Kienu joħorġu lira kull wieħed biex magħhom ikollhom persuna li tagħmilha ta' interpretu u gwida sakemm jaslu għax bil-Malti biss kienu jifhmu u jitkellmu.

F'Napli u f'Marsilja kienu joqogħdu jistennew sakemm jasal il-vapur. Xi Maltin ta' Marsilja kienu magħrufa li kienu jaslu għal kollox, anki jisirqu u joqtlu Maltin li jgħaddu minn hemm fi triqithom lejn l-Awstralja. Meta jitilgħu fuq il-vapur kien jarahom it-tabib u jekk isibhom morda jibgħathom lura lejn Malta.

Fuq il-vapur l-emigranti kienu jingħataw jieklu ikel mill-agħar. Isemmu l-laħam jinten li kienu jingħataw mill-annimali li kienu jinżammu fuq il-vapur għall-qatla. L-annimali kienu joqtluhom fuq il-gverta u jibqgħu jsajrulhom minnhom sakemm jispiċċa u dak iż-żmien ma kellhomx fejn iżommu l-laħam fil-friża biex ma jmurx. Ma kellhomx ilma biex jinħaslu. Il-vjaġġ kien jieħu xahar u nofs jew skont kemm kien idum il-vapur ġol-port biex jgħabbi u jħott l-merkanzija li kellu. Biex ma jiddejqux iżżejjed waqt il-vjaġġ kienu jgħaddu l-ħin fuq il-gverta b'xi kitarra jqabblu xi għanja, il-biċċa l-kbira dwar il-firda tas-safar.

Malli kienu jaslu l-Awstralja ġieli għamlu xhur ma jsibux xogħol u kienu jgħixu b'li jtuhom sħabhom li jaħdmu. Kien hemm min sab ruħu agħar milli kien f'pajjiżna: lanqas saqaf jew sodda fejn jorqod u ġieli marru f'xi kamra taż-żingu u jorqdu fuq il-ħaxix li kienu jaqtgħu mill-għelieqi ta' madwarhom.

Biex isibu x-xogħol ġieli kellhom iħallsu tliet liri lil xi foreman. Kienu jaħdmu sigħat twal: mill-ħamsa ta' filgħodu sas-sitta ta' filgħaxija u rari kienu jaqbdu iżjed minn żewġ liri fil-ġimgħa għax meta ma jaħdmux minħabba x-xita (u kienet tagħmel ta' spiss) kienu jaqtgħulhom mill-paga.

L-akbar diffikultà għall-emigranti tagħna fl-Awstralja kien li jsibu xogħol li qatt ma għamlu

bħalu f'pajjiżna: fil-minjieri, fil-portijiet, fil-bini tal-linji tal-ferroviji, fl-għelieqi taz-zokkor, xogħol fuq magni li qatt ma raw bħalhom qabel u xogħol li l-Awstraljani ma riedux jidħlu għalih. Kienu jsibu kollox ġdid: pajjiż, staġuni u xogħol. Kienu jbatu biex jidraw l-ambjent u l-mod ġdid ta' għixien għax ma kinux ikunu mħejjijin għal dawn il-bidliet qabel jitilqu minn pajjiżhom.

Minkejja x-xogħol iebes tagħhom ħafna emigranti kienu jsibu li biż-żewġ jew tliet liri li kienu jaqilgħu, wara li jħallsu l-kera, l-ikel u bżonnijiet oħra, ma jibqagħlhom xejn x'jibgħatu lura lill-familja f'pajjiżna. Kien hemm min kien jirnexxielu jibgħat bil-posta xi ħames jew għaxar liri u tal-familja tgħidx kemm kienu jieħdu gost biex iħallsu lil tal-ħanut tal-merċa li minnu kienu xtraw bis-self. Min kien jaħdem fl-għelieqi taz-zokkor kien idum ma jibgħat flus għax ġieli kienu jħallsuhom kull sitt xhur biex ma jitilqulhomx f'xogħol ieħor qabel itemmu x-xogħol tal-istaġun.

Kien hemm dawk li kien jirnexxielhom isibu xogħol u jagħmlu sentejn, tlieta fih u jiġu lura Malta. Ħafna kellhom jiġu lura għax il-mara ma riditx titlaq magħhom. F'Malta kienu jaħsbu li dawk li jmorru l-Awstralja se jsiru sinjuri u se jibgħatu lura ħafna flus.

F'intervista ta' Mark Caruana, mal-Għawdxi Paul Sultana min-Nadur naqraw li missier Paul kellu rasu mimlija li se jimlieh bil-flus: "U kull ittra li nibgħatlu, ngħidlu għadni m'inix naħdem, m'inix naħdem .... u għamel f'qalbu u miet. Għax jien kont iż-żgħir, il-baby, u miet miskin.

Li kellhom tajjeb kien li l-ħajja fl-Awstralja kienet irħisa fl-ikel u l-kera kienet xi ħames xelini fil-ġimgħa. Emigrant Mosti li wasal fl-Awstralja fis-sena 1916 jirrakkonta lil Mark Caruana: "B'sikspenz kont niekol ikla tajba fil-pub, steak and chips, mentri f'Malta qatt ma kont induq il-laħam ħlief fil-Milied.

Kienu joqogħdu b'kera fi djar agħar minn ta' Malta: tal-injam, soqfa taż-żingu, art tal-ħamrija u n-nisa tagħhom meta kienu jitilgħu magħhom kienu jieħdu xokk kbir u jdumu ma jidraw.

Il-Maltin kienu jaslu biex jiżżewġu mara mhix Maltija, ġejja mnejn ġejja, l-aqwa li tkun Kattolika. Rajt ittri ta' familji Maltin inkwetati jiktbu lill-binhom biex jgħammed lit-tfal tiegħu malajr kemm jista' jkun għax il-mara mhix Kattolika, "mhix bħalna''. Ġieli nqala' inkwiet serju u għal snin twal ma jitkellimx ma' tal-familja meta dak li mar l-Awstralja kien jiżżewweġ mara mhix Kattolika. Uħud kienu jiżżewġu bi prokura jew wara xi żmien jinżlu lura fir-raħal tagħhom biex jiżżewġu xi waħda.

Kellhom ħajja iebsa ta' xogħol u ħarsien ma kellhomx għax il-unions kienu għadhom dgħajfa u min iħaddimhom seta jagħtihom kundizzjonijiet mill-agħar. Meta jimirdu fuq ix-xogħol kienu jitilfu l-flus jekk ma jmorrux għax-xogħol u ma kinux jeżistu benefiċċji soċjali. Jekk jibgħatu għat-tabib kienu jsibuha diffiċli jinftehmu għax kienu jafu bil-Malti biss. Fost dawk li ħadmu fil-minjieri kien hemm min marad bil-pulmun u anki miet waqt ix-xogħol bħalma ġralu ċertu Pawlu Vella fit-Tażmanja fit-22 ta' Jannar 1914 meta fgawh l-irwejjaħ li telgħu mill-minjiera.

Għall-emigranti ix-xogħol kien kollox. Wara kollox għalhekk kienu ħadu l-pass diffiċli li jinfirdu mill-familja u minn pajjiżhom għax ma kellhomx xogħol. Spiss lill-uliedhom kienu joħorġuhom ta' 14 mill-iskola jew qabel biex jieħduhom għax-xogħol, l-iżjed fir-raba. L-emigranti tal-bidu għalihom il-ħobż kien jiġi l-ewwel u qabel kollox, għax mingħajru ma kinux isalvaw u jgħixu.